

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 931/2013

tas-26 ta' Settembru 2013

li jiffissa l-koeffiċjent ta' allokkazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni li għalihom tressqet applikazzjoni mit-8 sal-14 ta' Settembru 2013 għal prodotti taz-zokkor fil-kuntest ta' ċerti kwoti tariffarji u li jissospendi t-tressiq ta' applikazzjonijiet għat-tali liċenzji

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli ("Ir-Regolament dwar l-OKS unika")⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jstabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni⁽²⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur taz-zokkor⁽³⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kwantitajiet li jkopru l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqa lill-awtoritajiet kompetenti mit-8 sal-14 ta' Settembru 2013 skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 170/2013 tal-25 ta' Frar 2013 li jstipula miżuri ta' tranżizzjoni

fis-settur taz-zokkor minħabba l-adeżjoni tal-Kroazja⁽⁴⁾, jaqbżu l-kwantità disponibbli skont is-serje li ġgħib in-numri 09.4317, 09.4319, 09.4320, 09.4321 u 09.4367.

- (2) Għalhekk, għandu jiġi ffixsat koeffiċjent tal-allokkazzjoni għal-liċenzji li għandhom jinħarġu fir-rigward tas-serje li ġgħib in-numri 09.4317, 09.4319, 09.4320, 09.4321 u 09.4367 skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006. It-tressiq ta' iktar applikazzjonijiet għal-liċenzji għal dawk in-numri tas-serje għandu jkun sospiż sa tmiem is-sena tas-suq, skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-kwantitajiet li għalihom tressqu l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mit-8 sal-14 ta' Settembru 2013 skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 u skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 170/2013 għandhom jiġu mmultiplikati bil-koeffiċjenti tal-allokkazzjoni stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

2. It-tressiq ta' iktar applikazzjonijiet għal-liċenzji, li jikkorrispondu man-numri tas-serje mogħtija fl-Anness, għandu jkun sospiż sa tmiem is-sena tas-suq 2013/2014.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar li jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Settembru 2013.

Għall-Kummissjoni,
Fisem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

⁽³⁾ ĠU L 254, 26.9.2009, p. 82.

⁽⁴⁾ ĠU L 55, 27.2.2013, p. 1.

ANNEX

Il-konċessjonijiet taz-zokkor tal-iskeda bin-numru CXL**Is-sena tas-suq 2013/2014****Applikazzjonijiet li tressqu mit-8.9.2013 sal-14.9.2013**

In-numru tas-serje	Il-pajjiż	Il-koeffiċjent tal-allokazzjoni (f'perċentwal)	Iktar applikazzjonijiet
09.4317	L-Awstralja	33,333333	Sospiżi
09.4318	Il-Brażil	(¹)	
09.4319	Il-Kuba	50	Sospiżi
09.4320	Kwalunkwe pajjiż terz	3,451014	Sospiżi
09.4321	L-Indja	8,298755	Sospiżi

(¹) Mhux applikabbli: l-applikazzjonijiet ma jaqbżux il-kwantitajiet disponibbli u qed jingħataw kollha.

Iz-zokkor mill-Balkani**Is-sena tas-suq 2013/2014****Applikazzjonijiet li tressqu mit-8.9.2013 sal-14.9.2013**

In-numru tas-serje	Il-pajjiż	Il-koeffiċjent tal-allokazzjoni (f'perċentwal)	Iktar applikazzjonijiet
09.4324	L-Albanija	—	
09.4325	Il-Bożnija u Herzegovina	(¹)	
09.4326	Is-Serbja	(¹)	
09.4327	Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	—	

—: Mhux applikabbli: il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal-liċenzja.

(¹) Mhux applikabbli: l-applikazzjonijiet ma jaqbżux il-kwantitajiet disponibbli u qed jingħataw kollha.

Il-miżuri ta' tranżizzjoni, iz-zokkor għall-importazzjoni eċċezzjonali u dak għall-importazzjoni industrijali**Is-sena tas-suq 2013/2014****Applikazzjonijiet li tressqu mit-8.9.2013 sal-14.9.2013**

In-numru tas-serje	It-tip	Il-koeffiċjent tal-allokazzjoni (f'perċentwal)	Iktar applikazzjonijiet
09.4367	Tranżizzjonali (il-Kroazja)	33,333333	Sospiżi
09.4380	Eċċezzjonali	—	
09.4390	Industrijali	(¹)	

—: Mhux applikabbli: il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal-liċenzja.

(¹) Mhux applikabbli: l-applikazzjonijiet ma jaqbżux il-kwantitajiet disponibbli u qed jingħataw kollha.